MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 210/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Oliver Anthony Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 617258 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Novembru 2011, Dicembru 2011 u Jannar 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Rosette Scicluna u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' April, 2012 li biha wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenz appellata li biha hu gie misjub hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata f'dan il-kaz billi qeghda erronejament tippretendi li l-klawsola dwar cessazzjoni tal-obbligu tal-manteniment mhux effettiva anki f'dawn ic-cirkostanzi daqstant cari.
2. Illi l-klawsola dwar cessazzjoni tal-obbligu tal-manteniment kellha tigi applikata u l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex is-setgha jew id-diskrezzjoni li ma tapplikahiex.
3. Illi jekk l-Ewwel Qorti dehrilha li hemm bzonn ta' xi interpretazzjoni, hija kellha tirreferi lill-kwerelanti biex taghmel kawza fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), li hija l-unika Qorti kompetenti biex tinterpreta klawsola f'kuntratt ta' separazzjoni personali, u mhux taghti lill-klawsola interpretazzjoni irragonevoli u bir-rispett kollu zbaljata.
4. Illi jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti (qed jintqal "jekk" ghaliex fis-sentenza ma jintqalx kienitx din l-interpretazzjoni moghtija) dehrilha li t-tfal kellhom it-tnejn jibdew jahdmu biex jintemm l-obbligu, allura minbarra li tali interpretazzjoni mhix wahda ragonevoli, l-Ewwel Qorti kellha tqis x'se jigri jekk it-tifla taghzel li ma tibdieix

tahdem full time jew ma ssibx impjieg full time jew tohrog tqila u ma tkunx tista` tahdem full time. Jekk jigri hekk, ibnu jista` jibqa` jahdem full time sakemm ikollu 40 jew 50 sena u fl-istess hin ommu tippretendi li l-esponent jibqa` jmantnih. Ta’ min ighid illi ibnu ghandu 23 sena u mem meta ghalaq 18 sa Awissu 2011 l-esponent dejjem baqa` jmantnih “ex gratia” u diga` ilu 4 snin jahdem full time ma’ Lufthansa Teknik.

5. Illi s-sentenza appellata moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas hija kompatibbli mas-sentenza precedenti moghtija din is-sena minnha stess meta hija lliberatu fl-1 ta’ Frar 2012 minn akkuza identika.

6. Illi ekonomikament ibnu ghandu s-salarju tieghu personali ghall-bzonnijiet li jista` jkollu, salarju dan ta’ min jahdem full time ma’ kumpanija li tgawdi reputazzjoni eccellenti fil-qasam tax-xoghol.

7. B’danakollu, mart l-esponent tippretendi li l-kuntratt jaghtiha ragun u abbuzivament qeghda tressaq kwerela wara l-ohra bit-tama li tolqot, jekk mhux l-ewwel darba, t-tieni darba, skont kif jaraha l-gudikant. Dan meta l-klawsola tghid fl-ittra u fl-ispirtu li l-manteniment ghandu jieqaf meta l-minuri jibda jahdem full-time. Minflok tirringrazzja l-Providenza li binha sab impjeig tajjeb ma’ kumpanija serja, qeghda tossessjoni ruhha li ddahhal aktar flus u lest tieghu rikba fuq il-povru zewgha, li hu ragel marid u xorta jkompli jahdem.

8. Illi l-kwerelanti xehdet illi meta kine qe jigi ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni fis-sena 2009 binha kein diga` qed jahdem ma’ Lufthansa Teknik. Giet mistoqsija jekk infurmatx b’dan lill-Imhallef u ma rrispondietx. Fil-fatt binhom kien ilu xi xahrejn jahdem full time. Jekk huwa hekk, allura kif tnizzlet klawsola li l-manteniment jieqaf meta t-tfal jibdew jahdmu, ladarba t-tifel kien diga` qed jahdem dak iz-zmien? Jidher car li l-intenzjonijiet tal-kwerelanti la kienu retti f’Marzu 2009 meta gie ffirmat il-kuntratt u lanqas huma retti llum li nkassat 4 snin manteniment ghal binha li jippercepixxi salarju. Qeghda tghid li l-klawsola ghandha tinftiehem illi sabiex l-obbligu tal-hlas tal-manteniment fir-rigward ta’ persuna wahda jintemm, iridu jkunu f’impjieg full time z-zewg ulied. Jista` xi hadd iqis tali attitudni bhala wahda retta jew fidila ghall-

intenzjonijiet li kellhom f’rashom iz-zewg kontraenti meta ffirmaw il-kuntratt?

Ikkunsidrat :

Illi waqt is-seduta ta’ llum semghet lill-allegata vittma tikkonferma li l-hlas ghax-xhur imsemmija fic-citazzjoni saru kollha. Jidher ukoll li m’hemmx aktar argumenti dwar ir-rikors tal-appell.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 t’April, 2012.

Il-Qorti taghmel it-twissija rikjesta mill-artikolu 22 tal-Kap. 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------